Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2157

24.9.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2026/2157

## tat-22 ta' Settembru 2026

## li testendi l-mandat tal-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2026)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/889/PESK tal-25 ta' Novembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 10(1) tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mal-Artikolu 38, it-tielet paragrafu, tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti għall-fini tal-eżerċizzju tal-kontroll politiku u tad-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap ta' Missjoni.

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2443 ([2]), li ħatret lis-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Novembru 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.

(3) Il-KPS sussegwentement estenda l-mandat ta' tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah għadd ta' drabi, l-aktar reċenti bid-Deċiżjoni (PESK) 2026/1458 tal-25 ta' Ġunju 2026 ([3]), li estendiet il-mandat tagħha sat-30 ta' Settembru 2026.

(4) Fid-29 ta' Ġunju 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/1467 ([4]), li emendat l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK u li estendiet il-mandat ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Settembru 2026.

(5) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà pproponiet li l-KPS jestendi l-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala l-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah mill-1 ta' Ottubru 2026 sal-31 ta' Ottubru 2026.

(6) B'kont meħud tal-informazzjoni pprovduta minn Iżrael u mill-Awtorità Palestinjana, jenħtieġ li l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' EU BAM Rafah jiġi estiż b'xahar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mandat tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala l-Kap ta' Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) huwa b'dan estiż mill-1 ta' Ottubru 2026 sal-31 ta' Ottubru 2026.

([1]) ĠU L 327, 14.12.2005, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/joint_action/2005/889/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2023/2443 tal-25 ta' Ottubru 2023 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/2/2023) (ĠU L, 2023/2443, 31.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2443/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2026/1458 tal-25 ta' Ġunju 2026 li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (EU BAM Rafah/1/2026) (ĠU L, 2026/1458, 29.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1458/oj).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/1467 tad-29 ta' Ġunju 2026 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK dwar l-istabbiliment ta' Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EU BAM Rafah) (ĠU L, 2026/1467, 30.6.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/1467/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din għandha tapplika soġġett għall-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-validità tal-Azzjoni Konġunta 2005/889/PESK lil hinn mit-30 ta' Settembru 2026.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Settembru 2026.

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà*

*Il-President*

L. MANDEL VENSILD